# Il-Flus ta' Malta

## Il-muniti ta' l-Antikita' u taż-Żmien Nofsani

Min jaqra l-istorja ta' Malta ma jistax ma jintebħax li l-flus li l-aktar li kienu jintużaw kienu jkunu jew tal-ħakma barranija tal-Gżira jew inkella tal-pajjiżi l-ġirien li magħhom Malta kien ikollha rabtiet qawwija ta' kummerċ.

L-ewwel muniti magħrufin li ddaħħlu fil-Gżejjer Maltin kienu tal-Kartaġiniżi, li kienu ilhom jaħkmuhom sa minn bejn wieħed w ieħor nofs is-sitt seklu Q.K. Dawn il-muniti, li kienu damu l-flus uffiċċjali għal madwar mitejn sena, kellhom minquxin fuqhom xbihat ta' divinitajiet u bosta għeliem oħrajn. Bosta muniti Griegi maħdumin fil-kolonji Griegi li kien hemm fl-artijiet qrib ta' Sqallija u ta' l-Italja tan-Nofsinhar instabu wkoll f'Malta u f'Għawdex.

Wara li r-Rumani rebħu l-Gżejjer Maltin minn għand il-Kartaġiniżi fil-bidu tat-Tieni Gwerra Punika fil-218 Q.K., il-Gżejjer Maltin kienu ngħataw sehem limitat ta' awtonomija u saħansitra tħallew jaħdmu l-flus tagħhom. L-influwenza Punika hekk damet ma għebet li baqgħet tidher sa snin wara l-bidu tal-ħakma Rumana. Il-muniti Maltin ta' dak iż-żmien kienu kollha magħmulin mill-bronż, li kien il-metall il-waħdieni li r-Rumani kienu jħallu jinħadem fi flus hawnhekk. Madankollu, kienu jinsabu fil-Gżejjer Maltin muniti tal-fidda u tal-bronż Rumani li kienu ddatati għal dan il-perjodu.

Il-muniti l-bikrin li nħadmu hawn jixhdu l-kultura doppja li kienet prevalenti f'dak iż-żmien fil-Gżejjer Maltin – Punika u Griega. Għalkemm dawn kienu nħadmu matul il-ħakma Rumana, huma juru fuqhom jew il-kitba Punika ANN (li għandha mnejn tfisser "mirkeb") jew il-kitba Griega MELITAIWN (li tfisser "ta' Malta"). Barra minn dawn, sura waħda ta' muniti maħduma f'Għawdex għandha fuqha l-kitba GAYLITWN ("ta' Għawdex").

Il-kitba Griega turi l-influwenza Griega fuq il-Gżejjer Maltin matul il-Perjodu Ellenistiku. Din l-influwenza bdiet turi aktar tkabbir aktar ma beda jmur iż-żmien wara li Malta ingħaqdet mal-Provinċja Rumana ta' Sqallija, fejn il-kultura Griega kienet il-kultura d-dominanti.

Lejn nofs l-ewwel seklu Q.K. kienu nħadmu Malta muniti mfasslin fuq it-tifsiliet Sqallin, ħaġa li tixhed iż-żjieda fil-kuntatti bejn iż-żewġ Gżejjer. Munita minnhom għandha minqux fuq il-wiċċ il-kitba Griega MELITAIWN, u fuq l-irġejjen isem il-Propraetor C. Arruntanus Balbus, li kien il-gvernatur tal-provinċja Sqallija bejn 35 Q.K. u 27 Q.K.

Wara l-ewwel seklu Q.K. ma tinsab ebda xhieda li l-Gżejjer Maltin kienu baqgħu jaħdmu l-muniti tagħhom. Minn dan iż-żmien 'il quddiem il-munita ta' Ruma bdiet tintuża għall-Imperu kollu.

Wara l-waqgħa ta' l-Imperu Ruman, Malta kienet maħkuma mill-Biżantini, imbagħad mill-Għarab, imbagħad min-Normanni, mis-Svevi, mill-Anġevini, mill-Aragoniżi u mill-Kastiljani. Il-munita ta' dawn il-ħakkiema kienet tintuża fil-Gżejjer Maltin.